

Brussell, 24 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10298/24

COMPET 589
MI 538

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 24 ta' Mejju 2024

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9715/24 + ADD1 REV 1

Suġġett: Suq Uniku għall-benefiċċju ta' kulħadd

- *Konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fl-24 ta' Mejju 2024)*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Suq Uniku għall-benefiċċju ta' kulħadd", approvati mill-Kunsill (Kompetittività) fl-4026 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Mejju 2024.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR
SUQ UNIKU GĦALL-BENEFIĊĊJU TA' KULĦADD**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023¹, li jappellaw għal azzjoni ambizzjuża biex jitlesta s-Suq Uniku;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 u t-30 ta' Ġunju 2023², li jappellaw għal Rapport ta' Livell Għoli indipendenti dwar il-futur tas-Suq Uniku u li jistiednu lill-Presidenzi li jmiss tal-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw din il-ħidma, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew Straordinarju tas-17 u t-18 ta' April 2024 dwar patt ġdid dwar il-kompetittività, b'mod partikolari s-sejħa għal Strateġija orizzontali ġdida għas-Suq Uniku sa Ġunju 2025³;
- fl-opinjoni esploratorja tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "Strateġija Ewropea Ġdida għas-Suq Intern"⁴, adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-17 u t-18 ta' Jannar 2024;

¹ EUCO 4/23

² EUCO 7/23

³ EUCO 12/24

⁴ INT/1043 – EESC-2023-03693-00-00-AC-TRA (MT)

- fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2024"⁵, li ssegwi l-eżiti tad-disa' motivaturi ppreżentati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"⁶ u li taħdem lejn l-oġġettivi stabbiliti hemm u fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-30 sena mis-Suq Uniku"⁷;

I. Il-ħtieġa għal Strateġija orizzontali ġdida għas-Suq Uniku

1. JENFASIZZA r-rwol ċentrali tas-Suq Uniku bħala xprunatur tal-integrazzjoni Ewropea, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv kif ukoll tas-saħħa dinjija tal-Unjoni; F'dan ir-rigward, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal Suq Uniku li jiffunzjona bis-sħiħ bħala prerekwiżit essenzjali għall-kompetittività u l-prosperità fit-tul, biex jinkisbu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti li ma jħallu lil ħadd jibqa' lura; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu inklużi passi konkreti lejn integrazzjoni ulterjuri, it-tneħħija ta' ostakli mhux ġustifikati jew sproporzjonati – speċjalment għas-servizzi – u l-prevenzjoni ta' restrizzjonijiet għall-moviment liberu fi strateġija orizzontali ġdida għas-Suq Uniku; JENFASIZZA li Suq Uniku li jiffunzjona bis-sħiħ irid ikun ibbażat fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;
2. ITENNI li biex jinżammu s-sigurtà ekonomika, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-Unjoni, hemm bżonn naħdmu aktar biex tingħata haġja ġdida lill-ekonomija soċjali tas-suq tal-Unjoni u l-bażi industrijali tagħha, tittejjeb aktar il-konnettività tal-Unjoni u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tagħha, kif ukoll biex tingħata spinta lit-tmexxija teknoloġika u l-attrazzjoni tagħha bħala post tan-negozju u suq tax-xogħol, fejn l-SMEs jistgħu jinnovaw, jespandu u jirnexxu; JENFASIZZA li trid tingħata viżjoni ġeopolitika strateġika lis-Suq Uniku biex jiġi ggarantit li jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-awtonomija strateġika tiegħu, filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa, u tinkiseb in-newtralità klimatika;

⁵ ST 6622/24

⁶ ST 7604/23

⁷ ST 7278/23

3. JISĦAQ li integrazzjoni ulterjuri tas-Suq Uniku tippermetti lill-Unjoni tibqa' fuq quddiem nett fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; JENFASIZZA li n-nuqqas ta' azzjoni ambjentali u r-riskji klimatiċi ser ikollhom impatti negattivi fuq is-Suq Uniku; u JISSOTTOLINJA r-rwol essenzjali li s-Suq Uniku, li jibni fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, jista' jkollu biex jaħsad il-benefiċċji kkombinati tas-sostenibbiltà u l-kompetittività;
4. JISSOTTOLINJA r-rwol ewlieni tal-politika ta' koeżjoni biex tistimula t-tkabbir sostenibbli fit-tul u tippromwovi l-koeżjoni u l-konverġenza ekonomiċi, territorjali u soċjali 'l fuq; JENFASIZZA li Suq Uniku robust jimxi id fid mal-politika ta' koeżjoni li tnaqqas id-disparitajiet soċjali u reġjonali, u tippermetti lir-reġjuni, liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lin-negozji kollha, b'mod partikolari l-SMEs, jieħdu vantaġġ mis-Suq Uniku;
5. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tas-Suq Uniku għal proċessi ta' tkabbir futuri, bħala parti mill-kunċett usa' ta' integrazzjoni gradwali;
6. IFAKKAR li s-Suq Uniku jrid jipprovdi soluzzjonijiet inklużivi, u JIRRIKONOXXI l-importanza tal-aċċess għal servizzi ta' interess ġenerali ta' kwalità għolja u affordabbli, b'mod partikolari fil-każ ta' falliment tas-suq, u attenzjoni għar-reġjuni ultraperiferiċi, insulari u konnessi inqas tajjeb jew inqas żviluppati, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini, tal-ħaddiema, tal-konsumaturi u tan-negozji fis-Suq Uniku; f'dan ir-rigward, JISSOTTOLINJA l-importanza tal-investimenti f'dawn is-servizzi u l-aċċess għalihom;
7. JILQA' l-momentum maħluq mir-Rapport ta' Livell Għoli indipendenti "Much more than a Market" ta' Enrico Letta⁸ li ser jikkontribwixxi għal diskussjonijiet dwar il-prijoritajiet taċ-ċiklu leġislattiv li jmiss (2024-2029) u JISTENNA B'INTERESS ir-rapport li jmiss dwar il-kompetittività tal-Ewropa minn Mario Draghi;

⁸ <https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf>

II. Ħidma lejn qafas regolatorju koerenti, effiċjenti u li jibqa' validu fil-futur

8. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni urġenti u ambizzjuża tal-qafas regolatorju tal-Unjoni ("choc de simplification"), sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwivalenti reali, jiġi żgurat ambjent favorevoli għan-negozju u jitrawmu l-investimenti u l-kompetizzjoni kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jissaħħu l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni, inkluż il-protezzjoni tal-konsumatur;

L-isfruttar tal-opportunitajiet tas-sistema attwali

9. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikompli jsaħħu l-moviment liberu tal-merkanzija u s-servizzi fis-Suq Uniku kollu permezz tal-armonizzazzjoni u r-rikonossiment reċiproku;
10. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jneħħu u jipprevjenu obbligi amministrattivi mhux meħtieġa, inkluż it-tkomplija tal-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' rappurtar b'mill-inqas 25 %, b'mod partikolari għall-SMEs, filwaqt li jiġi żgurat li l-opzjonijiet ta' simplifikazzjoni u tnaqqis ma jifframmentawx is-Suq Uniku jew jikkompromettu l-għanijiet ta' politika tal-Unjoni u l-istandards ambjentali u soċjali;
11. JISĦAQ li qafas regolatorju effettiv jiddependi fuq implimentazzjoni u infurzar korretti u f'waqthom; B'kont meħud ta' dan, JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jissimplifikaw, isaħħu u jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-għodod ta' politika u infurzar eżistenti kollha; JISSOTTOLINJA l-importanza li jiżgura segwitu aktar effiċjenti għall-ostakli strutturali identifikati min-network SOLVIT u minn SMET; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti, inkluż il-prevenzjoni u l-indirizzar ta' regolamentazzjoni mhux meħtieġa; u JENFASIZZA l-ħtieġa għal għanijiet li jistgħu jintlaħqu u skadenzi prammatiċi għall-implimentazzjoni ta' atti leġiżlattivi ġodda;
12. IHEĠĠEGĠ lill-Kummissjoni żżomm il-monitoraġġ kontinwu tagħha tal-istat tas-Suq Uniku u l-kompetittività permezz taċ-ċiklu ta' politika annwali u tenfasizza kwistjonijiet persistenti li jeħtieġ li jiġu indirizzati; JISSUĠĠERIXXI l-inklużjoni ta' għanijiet u prestazzjonijiet fit-tul fir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività;

Inwittu t-triq għal regolamentazzjoni aħjar

13. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-inizjattivi leġislattivi rilevanti kif ukoll l-atti ta' implimentazzjoni u delegati li huma mistennija li jkollhom impatt sinifikanti, ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt ta' kwalità għolja f'waqtha, konsistenti u ex ante li tissodisfa t-testijiet applikabbli kollha; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tirrispetta l-elementi li ġejjin:
- (i) Tiżgura, b'mod integrat u prammatiku, sinerġiji tal-kontrolli tal-valutazzjoni tal-impatt, b'mod partikolari testijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, il-kontroll tal-kompetittività u t-test tal-SMEs, b'enfasi speċjali fuq id-dimensjoni reġjonali, territorjali u lokali, inkluż għar-reġjuni ultraperiferiċi jew inqas żviluppati;
 - (ii) Tqis sistematikament l-impatti kumulattivi ta' obbligi ġodda, inkluż fil-livell tal-Istati Membri, kif ukoll l-evitar ta' duplikazzjoni regolatorja jew dispożizzjonijiet inkonsistenti, speċjalment fil-livell settorjali, filwaqt li jiġu ppreservati u msaħħa l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni inkluż il-protezzjoni tal-konsumatur;
 - (iii) Tqis valutazzjonijiet u kontrolli dinamiċi tal-impatt li jiċċaraw u jippermettu li jitkejjel kemm jista' jkun l-impatt tal-opzjonijiet ta' politika;
 - (iv) Tivvaluta, fejn xieraq, l-istandards tas-saħħa, tal-ambjent u tad-drittijiet tal-bniedem applikabbli fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni u r-rekwiżiti tad-WTO;
14. IFAKKAR fil-kontribut kruċjali ta' konsultazzjoni bikrija u adegwata tas-sħab soċjali, tas-soċjetà ċivili u tal-partijiet ikkonċernati fil-kuntest tal-inizjattivi tal-Kummissjoni, b'rispett għall-prinċipju ta' darba biss għall-ġbir ta' informazzjoni ewlenija; JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' sejħiet kwalitattivi għal evidenza;

15. JISSOTTOLINJA li l-miżuri tas-Suq Uniku għandhom ikunu bbażati fuq fatti min-negozji, il-ħaddiema u ċ-ċittadini u l-ħtiġijiet tagħhom u jwasslu għal azzjonijiet konkreti biex jitneħħew u jiġu evitati ostakli mhux ġustifikati jew sproporzjonati, inkluż biex jiġu indirizzati aktar l-ostakli tekniċi għall-kummerċ fis-Suq Uniku; JILQA' l-kontribut siewi mogħti mill-partijiet ikkonċernati dwar ostakli konkreti li jesperjenzaw fil-prattika u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tanalizza bir-reqqa dan il-kontribut għall-istrateġija l-ġdida;
16. JENFASIZZA li l-klawżoli ta' esperimentazzjoni u l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja huma strumenti utli għal qafas regolatorju li jiffavorixxi l-innovazzjoni, ibbażat fuq l-evidenza u reżiljenti li jista' jstimula l-kompetittività; JISSOTTOLINJA li l-klawżoli ta' esperimentazzjoni u l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja jeħtieġ li jirrispettaw, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' prekawzjoni u jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-integrazzjoni tas-Suq Uniku;

Nibnu fuq il-prinċipji tas-Suq Uniku

17. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu ggarantiti kundizzjonijiet qafas li jippermettu lill-SMEs jinnovaw, jespandu u jirnexxu kif ukoll li jiġi żgurat ambjent favorevoli għan-negozju li jippermetti lin-negozji u speċjalment lill-SMEs jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet tas-Suq Uniku, inkluż billi jitrawwem il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", b'mod partikolari fit-tfassil ta' leġislazzjoni ġdida u fl-evalwazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti, u l-prinċipju ta' "Darba Biss", meta tinġabar l-informazzjoni; JISSOTTOLINJA li l-inflazzjoni għolja għandha impatt fuq il-livell limitu tal-SMEs li jeħtieġ li jiġi indirizzat;
18. JISĦAQ fuq l-importanza tal-użu tal-għodod diġitali, billi jiġi sistematizzat l-approċċ "diġitali b'mod awtomatiku"; u JIRRIKONOXXI l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi fis-simplifikazzjoni tal-konformità, bħall-qasam tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u l-forniment ta' servizzi transfruntieri; B'kont meħud ta' dan, JAPPELLA lill-Istati Membri biex itejbu l-implimentazzjoni tagħhom tal-Gateway Diġitali Unika u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali li jmiss;
19. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tindirizza b'mod effettiv Prattiki kummerċjali inġusti, bħall-kwalità dupliċi tal-prodotti tal-ikel, u attivitajiet transfruntieri bejn in-negozji li jfixxlu s-suq, għall-benefiċċju tal-konsumaturi u l-kumpaniji; JITLOB li jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu protetti b'mod effettiv u jingħataw is-setgħa li jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti;

III. It-tisħiħ tal-benefiċċji potenzjali tas-Suq Uniku

Investiment fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti

20. Filwaqt li jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku u jippromwovihom globalment, JISSOTTOLINJA l-bżonn li tiġi mobilizzata taħlita ta' finanzjament kemm privat kif ukoll pubbliku, inkluż il-ħolqien ta' swieq tal-kapital Ewropej tabilħaqq integrati, biex tappoġġa tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta u tistimula l-potenzjal ta' tkabbir tan-negozji Ewropej, u li l-baġit tal-Unjoni u l-grupp tal-BEI għadhom jaqdu rwol importanti; JISĦAQ fuq l-urġenza li tingħata spinta lill-kompetittività u l-attraenza globali tal-Unjoni;
21. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi fil-fond tal-qafas leġiżlattiv eżistenti tal-akkwist pubbliku lejn akkwist pubbliku reżiljenti u sostenibbli u kompetizzjoni effettiva, tivvaluta jekk hix meħtieġa reviżjoni matul it-terminu 2024-2029 fid-dawl tal-impenji ewlenin li ħadet l-UE sabiex tilħaq l-oġettivi tagħha tal-iżvilupp sostenibbli sal-2030, filwaqt li tippromwovi t-trattament ġust tal-fornituri Ewropej;

It-twettiq ta' servizzi transfruntieri u t-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità għolja

22. JISĦAQ li hemm opportunitajiet sinifikanti mhux sfruttati fil-qasam tas-servizzi; u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li titneħħa l-frammentazzjoni, u li jiġu ssimplifikati r-regoli għall-forniment transfruntieri ta' servizzi, mhux limitati għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, biex jinkisbu l-opportunitajiet sħaħ tas-settur tas-servizzi, filwaqt li jiġu żgurati d-drittijiet tal-ħaddiema, permezz ta':
- (i) l-iffukar fuq servizzi orizzontali u ekonomikament sinifikanti, speċjalment fis-servizzi professjonali u kummerċjali, fid-dawl tas-servitizzazzjoni;
 - (ii) l-għoti ta' azzjonijiet konkreti b'passi tanġibbli biex jiġu indirizzati l-ostakli fir-rigward tas-servizzi fl-ekosistemi u s-setturi rilevanti kollha;
23. JISĦAQ fuq il-kontribut siewi tal-ekonomija soċjali biex jissaħħaħ is-Suq Uniku biex it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti jsiru aktar inklużivi u biex dawn jiġu stabbiliti fil-komunitajiet lokali;

24. JISSOTTOLINJA l-importanza li t-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività jiġu kkombinati ma' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, ma' progress soċjali, u ma' opportunitajiet indaqs billi tiżdied il-ħidma għall-kisba tal-miri ewlenin għall-2030;
25. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi⁹ li jenfasizzaw l-importanza tat-twettiq ta' politika skont il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, fid-dawl tal-isfidi attwali u futuri;
26. ITENNI l-importanza tad-disponibbiltà, l-iżvilupp u ż-żamma ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għolja biex jissaħħa aktar il-funzjonament tas-Suq Uniku u biex jiġi evitat in-nuqqas ta' ħaddiema; għalhekk, JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw aċċess għal edukazzjoni, taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi għal kulħadd, biex jippromwovu impjiegi ta' kwalità għolja u jtejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol, filwaqt li jiżguraw mobiltà professjonali u rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali ġusti u effettivi fl-Unjoni; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jitrawmu negozjar kollettiv u djalogu soċjali msaħħa u r-rwol tas-sħab soċjali biex jiġi żgurat adattament flessibbli u inklużiv għall-bidliet li ġejjin fis-suq tax-xogħol Ewropew, bħall-bidliet demografiċi;
27. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li r-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni jiġu integrati fil-qalba tas-Suq Uniku filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri, jissaħħu l-valorizzazzjoni aktar effettiva tal-għarfien, l-impatt soċjetali u l-adozzjoni mis-suq bl-ingranagħ tal-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni;

It-trawwim ta' ktajjen tal-provvista reżiljenti fl-Unjoni u globalment

28. JENFASIZZA l-potenzjal ta' moviment liberu akbar ta' materjali, prodotti u servizzi maħluq bit-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati l-ostakli rilevanti fl-industrija tar-riċiklaġġ; f'dak ir-rigward, JAPPELLA biex, f'konformità mar-regoli tad-WTO, jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fejn il-prodotti impurtati fis-Suq Uniku jissodisfaw l-istandards kollha rilevanti għall-bnedmin, il-pjanti, l-annimali u l-ambjent, u permezz ta' implimentazzjoni effettiva u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni rilevanti, bħar-Regolament dwar l-Ekodisinn;

⁹ ST 6681/23 + COR 1

29. JISSOTTOLINJA li Unjoni prospera u newtrali għall-klima teħtieġ industrija kompetittiva b'bażi ta' manifattura b'saħħitha, li hija ankrata f'Suq Uniku li jiffunzjona bis-sħiħ, filwaqt li jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti tassew; u JAPPELLA għal qafas ta' politika industrijali Ewropea komprensiv, orjentat lejn il-futur u proattiv, biex jgħin fil-bini tal-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-Ewropa;
30. JENFASIZZA li l-monitoraġġ, l-antiċipazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji tal-katina tal-provvista, l-indirizzar tad-dipendenzi strateġiċi u l-iżgurar tas-sigurtà ekonomika, huma vitali għall-Unjoni;
31. JENFASIZZA l-importanza li tiġi segwita politika kummerċjali ambizzjuża, robusta, miftuħa u sostenibbli li tippermetti ftehimiet kummerċjali ġusti, tiftaħ swieq ta' pajjiżi terzi għan-negozji Ewropej, tiddefendi l-interessi tal-Unjoni, tippermetti li ktajjen tal-provvista reżiljenti u affidabbli jiżviluppaw u tiggarrantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti reali u toħloq opportunitajiet reċiproċi ta' aċċess għas-suq; JISSOTTOLINJA l-hteġa li tissaħħaħ is-sistema kummerċjali multilaterali, miftuħa u bbażata fuq ir-regoli bid-WTO fil-qalba tagħha;
32. JENFASIZZA l-hteġa li jiġi żviluppat aktar l-approċċ strateġiku tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni internazzjonali¹⁰ biex l-Unjoni titqiegħed bħala mexxejja globali fl-istabbiliment tal-istandards, filwaqt li tiġi appoġġata t-tmexxija f'teknoloġiji ewlenin, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti; Biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' standards li jiżguraw soluzzjonijiet futuri bbażati fuq is-suq u prattiċi, ibbażati fuq il-Qafas Leġiżlattiv Ġdid, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex:
- (i) timmonitorja l-iżviluppi u ttejjeb il-funzjonament tas-Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni, inkluż ċitazzjonijiet f'waqthom tal-istandards armonizzati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE;
 - (ii) tippromwovi parteċipazzjoni aktar attiva tal-korpi notifikati u tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni kif ukoll tal-partijiet ikkonċernati li jinfluwenzaw l-istandards internazzjonali, b'mod partikolari n-negozji Ewropej, inkluż l-SMEs;
 - (iii) tappoġġa lill-komunità tan-negozju Ewropea, inkluż l-SMEs, fl-iżvilupp koordinat ta' standards ta' kwalità għolja fil-livell internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji tad-WTO.

¹⁰ COM 2022/31 final

IV. Sejħa għal azzjoni konġunta

33. JAPPELLA lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jaġixxu fuq dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill lejn titjib u integrazzjoni kostanti tas-Suq Uniku permezz taċ-ċiklu ta' politika annwali għas-Suq Uniku u l-kompetittività; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tuża r-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività mtejjeb bħala bażi li tirrifletti aħjar il-prattiki u l-isfidi tan-negozji u taċ-ċittadini;
34. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex sa Ġunju 2025 tadotta Strateġija orizzontali ġdida għal Suq Uniku modernizzat bl-għan li titnaqqas il-frammentazzjoni u jitlesta s-Suq Uniku fl-oqsma ta' politika kollha, inkluż pjan direzzjonali bi skedi ta' żmien ċari u stadji importanti għal azzjonijiet urġenti u konkreti fl-oqsma kollha ta' politika, abbażi tal-fatti min-negozji, is-sħab soċjali, il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini u l-ħtiġijiet tagħhom, b'enfasi fuq regoli żejda, inkoeerenti jew ta' piż;
35. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa analiżijiet tekniċi u fattwali tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport ta' Livell Għoli fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jeżaminawhom fil-fond, u tidentifika rakkomandazzjonijiet ewlenin; Il-Presidenza attwali u dik futura tal-Kunsill ser imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq ir-rakkomandazzjonijiet identifikati abbażi ta' dawn l-analiżijiet, bil-ħsieb li tinholq żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital ikun żgurat għall-benefiċċju ta' kulħadd;
36. JISTIEDEN lill-Presidenzi tal-Kunsill li jmiss biex jiżguraw is-segwitu ta' dawn il-Konklużjonijiet f'koordinazzjoni mill-qrib mal-gruppi ta' ħidma rilevanti.